MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 1110/1997/1

Anthony Magri
vs
Chairman in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li gie meqjus bhala haddiem irregolari.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal jahdem mal-Bank of Valletta, Tagliaferro Centre bhala Labourer full time, fl-1 ta' Settembru tal-1986, u kien assenjat jaghmel xoghol ta' maintenance mal-Branches tal-Bank of Valletta.

Fl-1 ta' Jannar tal-1987 huwa talab li jigi trasferit jahdem mal-Bank of Valletta bhala labourer. Wara ftit huwa ntbaghat jahdem mal-Mastrudaxxi fil-fergha ta' Hal-Qormi.

Fi Frar 1987 kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjoni ghall-promozzjoni ta' mastrudaxxi. Huwa applika u gie moghti dan il-grad.

F'Gunju tal-1988 kien gie trasferit ghal mal-AWTS. Matul dan iz-zmien il-paga baqghet tohroglu mill-Bank of Valletta.

Fil-15 ta' Dicembru tal-1992 kien gie avzat mill-Bank of Valletta li huwa kien inghata impjieg permanenti mal-Gvern, u li l-impieg tieghu mal-Bank kien gie tterminat.

Ta' min isemmi li dak inhar huwa kien Tradesman Group D mal-Bank u meta gie trasferit ghal mal-Gvern tnizzel ghall-grad ta' Labourer Group A. Ta min isemmi li l-paga tieghu baqghet l-istess bhal ma kellu l-Bank u baqa' jaghmel xoghol ta' Tradesman.

Xtaq isemmi li matul dan il-perjodu biex isir grupp D mal-Gvern, kien intbaghat gimghatejn jiehu course ta' mastrudaxxa u kif spicca l-Course, kien gie infurmat li dak il-Course ma jghoddx. Wara dak il-Course ntbaghat jaghmel xoghol ta' Plumber.
Wara xi ftit taz-zmien jaghmel xoghol ta' Plumber intbaghat jaghmel ezami, u ghadda. Wara ftit intbaghat jaghmel xoghol ta' Electrician, xoghol li qatt ma kien ghamel.

Ghaldaqstant huwa qatt ma seta' jilhaq il-grad ta' Grupp D mal-Gvern.

Ta' min isemmi li l-haddiema li kienu baqghu jahdmu mal-Bank of Valletta u li ghandhom l-istess grad tieghu llum ghandhom mal-Lm1000 fis-sena aktar minnu.

B'hekk huwa sofra ingustizzja f'li gie mtellef kull opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu u ghaldaqstant sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata lura x-xoghol li kellu mal-Bank of Valletta, bil-grad li kellu jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-intimat li eccepixxa illi:
It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li r-rikorrent qatt ma kien gie impjegat mal-Bank intimat b’mod regolari u dan kontra l-provvedimenti specifici tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ghaldaqstant ma jistax jibbenefika mill-beneficcji kontemplati taht xi ftehim kollettiv u ghalhekk it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz il-ftehim kollettiv ma ghadux vigenti in kwantu li ilu li skada u ghaldaqstant saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet “Joseph Bajjada et vs Dottor John C. Grech noe” deciza nhar is-27 ta’ Ottubru 1997 pendenti appell.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Gie prezentat affidavit tar-rikorrent fejn fih intqal li fl-1 ta' Settembru 1986 kien dahal jahdem Tagliaferro Centre bhala Labourer jaghmel xoghol ta' maintanance mal-Branches tal-Bank of Valletta u biex jahdem ta' mastrudaxxa kienu tawh sitt xhur probation u baqa' jaghmel dak ix-xoghol sa l-ahhar ta' l-1986. Semma li mill-1 ta' Jannar 1987 beda jahdem bhala full-employed mal-Bank of Valletta wara li t-talba tieghu biex jigi full-employed kienet giet accettata mic-Chairman. Qal li kienu tawh sitt xhur probabtion u f'dawk is-sitt xhur kienu hargu applikazzjonijiet ghall-messaggiera li hu ried japplika izda l-WTO irrifjuta t-talba tieghu u dan ghax ir-rikorrent kien jaf is-sengha. Zied jghid li min ma kienx jaf is-sengha hallieh japplika u li l-mastrudaxxi bhalu kienu tkeccew u li l-messaggiera li kienu dahlu warajh kienu gew accettati.

Semma li fl-1 ta' Frar 1987 kienu hargu applikazzjonijiet ghal tradesman u r-rikorrent kien applika. Qal li sal-1988 baqa' jahdem bhala full-timer mal-Bank of Valletta u kien intitolat ghal kull beneficcju li kien jaghti l-Bank. Qal li fit-13 ta' Gunju 1988 kien gie misluf mal-AWTS u baqa' jahdem bhala tradesman. Il-paga baqghet tohrog mill-Bank u baqghu bl-istess beneficcji li kellhom mal-Bank. Zied jghid li fit-12 ta' Novembru 1991 kienu hargu applikazzjonijiet ghall-messaggiera ghal dawk li kienu jahdmu mal-Bank. Hu qal li allavolja kien misluf mal-AWTS kien applika izda ma kienx gie maghzul.

Semma li fil-15 ta' Dicembru 1992 kien ircieva karta li l-impieg tieghu kien gie terminat u li jekk ma jiffirmax jigi bla xoghol. Hu qal li kien iffirma taht protesta u minn informazzjoni li ha sar jaf li fl-impieg taghhom kien hemm ammont ta' nies zejda. Hu sostna li dan ma kienx minnu ghax minflokhom kien marru nies minn go branches. Semma li kien gie avzat mill-Bank of Valletta li kien inghata impjieg mal-Gvern. Qal li meta kien mal-Bank hu kien fil-grad ta' Tradesman Group D u meta mar mal-Gvern tnizzel ghall-grad ta' Labourer Group A izda l-paga tieghu baqghet l-istess bhal ma kellu l-Bank. Semma li biex isir Group D mal-Gvern intbaghat sitt gimghat Course ta' mastrudaxxa u kif spicca gie nfurmat li ma jghoddx.

Wara dak il-course intbaghat jahdem ta' Plumber u wara ta' Electrician u sostna li hu qatt ma seta' jilhaq il-Grad ta' Grupp D mal-Gvern. Qal li l-haddiema li baqghu mal-Bank fl-istess grad tieghu ghandhom Lm1500 fis-sena aktar minnu u li b'hekk sofra ingustizzja meta gie mtellef kull opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu. Qal li hu fl-1 ta' Settembru 1986 kien dahal membru tal-GWU fejn hu kien jirraprezenta lil shabu izda sal-1992 qatt ma gew infurmati b' xejn.

Xehed Thomas Sammut Executive ma' l-ETC li semma li r-rikorrent beda jahdem mal-Bank of Valletta fl-1 ta' Jannar 1987 u spicca fis-16 ta' Dicembru 1992. Dwar jekk ir-rikorrent kienx impjegat mal-AWTS qal li fir-record list tieghu m'ghandux imnizzel dan. Semma li skond ir-record list ir-rikorrent mill-1 ta' Jannar 1992 beda jahdem mal-Education Department bhala Labourer u jidher li ghadu impjegat tal-Gvern sallum. Qal li mal-Bank of Valletta r-rikorrent kien fuq full employment. Esebixxa r-record sheet ta' l-ETC li juri d-diversi impjiegi li kellu r-rikorrent.

Xehed Hubert Caruana li semma li bejn l-1990 u l-1992 kien hemm numru ta' messaggiera u cleaners li kienu gew mibghuta Tagliaferro Centre. Qal li fl-1993 kienet marret karta biex dak in-numru ta' haddiema jintbaghtu fl-AWTS u qal li jista' jkun li kien hemm xi numru ta' haddiema li nzammu mal-Bank. Dwar ir-rikorrent qal li jimmagina li kien intbaghat l-AWTS. Dwar l-ittra mill-General Manager esebita mir-rikorrent bhala Dok 2 qal li din normalment tapplika ghal min jahdem mal-Bank u ghal min hu sekondat ukoll.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi r-rikorrent jilmenta mill-fatt li spicca jahdem mill-Bank of Valletta u gie trasferit ghal mal-AWTS u wara mal-Gvern fl-1992. Irrizulta li r-rikorrent kien dahal jahdem mal-Air Supplies f' Mejju 1987 b' mod irregolari.

Kien intlehaq ftehim bejn il-Gvern u l-General Workers Union fid-9 ta' Ottubru, 1987. Dan il-ftehim jitkellem dwar haddiema regolari u irregolari. Ghar-rigward ta' dawk il-

haddiema li gew impjegati irregolarment dawn kellhom jigu stabbiliti kaz kaz min huma mal-Unions. Dawn il-haddiema kellhom:

- jitqiesu bhala "casuals" u jibqghu hekk kunsidrati sakemm jinghataw xoghol permanenti;
- sakemm jinghatw dan ix-xoghol ikunu flessibli…
- ix-xoghol permanenti jinghata jew fis-settur li jaqa' taht il-kontroll tal-Gvern jew fis-settur privat, skond kif jaghzel l-individwu;
- il-haddiema jikkonkorru ma' min qieghed jirregistra.

Ikkunsidra li l-Artikolu 110 subartikolu 6 tal-Kostituzzjoni jghid li:

"Dhul f' impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b' xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrent sar bi ksur manifest tal-artikolu 110 subartikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-pozizzjoni tar-rikorrent xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f' pozizzjoni kompletament fluwida.

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

"Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta'

l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136."

Illi ghalhekk il-pozizzjoni tar-rikorrent hija wahda ta' bniedem li dahal f' impjieg b' mod irregolari u li ghalhekk dan ma kellux id-drittijiet dwar trasferimenti. Anqas ma rrizulta b' ebda mod li t-transfer tieghu sar b' xi mod vendikattiv jew irregolari ghax infatti la tezisti sensiela ta' trasferimenti u anqas ma jirrizulta li r-rikorrent intbaghat f' xi post li kellu cirkostanzi ambjentali difficli. Illi ghalhekk fil-kaz in ezami ma jirrizultax li fil-konfront tar-rikorrent dan garrab ingustizzja b' konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita bi hsara ghalih. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------